MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 249/2006

**A *sive* B C**

**vs**

**D C**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors tal-konvenut D C tal-24 ta’ Jannar 2014 li permezz tieghu talab li tinghata ordni ta’ waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet qabel ma tinghata s-sentenza finali.

Rat ir-risposta tal-attrici A C tat-3 ta' Marzu 2014 li permezz taghha qed topponi ghal din it-talba.

Semghat it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2014.

Rat li r-rikors de quo thalla ghas-sentenza ghallum.

Ikkonsidrat;

Fir-rikors tieghu il-konvenut jispjega illi l-provi jinsabu migbura u l-proceduri qed jistennew li l-perit legali jesplita l-inkarigu lilu moghti filwaqt li l-perit tekniku pprezenta r-rapport tieghu u saret anke l-eskussjoni tal-istess perit. Il-partijiet ilhom separati de facto mis-sena 2006 u ghalhekk isostni r-rikorrent hadd mill-partijiet ma hu ser ibati pregudizzju jekk f'dan l-istadju l-Qorti tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Kif jirrizulta mir-risposta taghha l-objezzjoni tal-attrici ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju tinstab primarjament fir-raba' paragrafu tar-risposta taghha:

Ikkonsidrat;

**Ligi u Gurisprudenza**.

L-artikolu rilevanti ghat-talba in dizamina huwa l-**artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

**Gurisprudenza**.

B'sentenza moghtija fit-28 ta' Marzu 2014 fil-kawza **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi:-

**"**In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat" . Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*."

Fil-kawza appena citata il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizzjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju mhux proporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju gie konsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li 'l quddiem ikun jista' jigi imputat lill-komunjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Is-sub-inciz 4 tal-artikolu 55 fuq citat jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' konjugi, l-qorti ghandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawza.

Kif rajna, l-oggezjoni tal-attrici ghat-talba in dizamina hija msejsa fuq il-pretensjoni taghha li l-ezercizzju tad-divizzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' bejn il-partijiet ser ikun wiehed skabruz. Fil-fehma tal-Qorti tali sottomissjoni ma tikwalifikax bhala xi pregudizzju mhux proporzjonat.

Tilmenta l-attrici illi mat-tmiem tal-kawza l-konvenut ser ikollu jirrifondi lill-attrici somma ta' flus rapprezentanti sehmha mill-ispejjez li l-komunjoni harget fl-interess ta' proprjeta' parafernali tal-konvenut. Anke dan l-ilment ma jikkwalifikax bhala pregudizzju mhux proporzjonat. L-attrici ghandha kull mezz tikkawtela l-pretensjonijiet taghha bil-hrug ta' mandati kawtelatorji fuq l-assi tal-konvenut, dejjem jekk il-pretensjonijiet taghha jissodisfaw ir-rekwiziti imposti bil-ligi fir-rigward. Mhiex legalment fondata s-sottomissjoni tal-attrici illi il-hrug ta' atti kawtelatorji f'dan l-istadju "ma hux f'loku".

Ghalhekk jidher car illi l-biza li ghandha l-attrici, fondat jew le, jista' facilment jitwarrab jekk tiehu l-passi kawtelatorji idonei; aktar u aktar meta issa huwa disponibbli f'idejn il-partijiet ir-rapport takniku tal-espert gudizzjarju li wkoll sarulu d-domandi in eskussjoni.

Peress li l-attrici ma hi ser tbati l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat bit-terminazzjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet f'dan l-istadju, it-talba tal-konvenut bir-rikors tieghu tal-24 ta' Jannar 2014 hija gustifikata.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tordna li din l-ordni ta' waqfien tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-konvenut.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

# < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------